**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 26 ta' April, 2017

Rikors Nru : 231/16 AL

**AB**
**VS**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar is- sitta u ghoxrin ta' Lulju tas-sena elf u disgha mija u tnejn u disghin (26.07.1992) u dan skond ic- certifikat taz- zwieg anness u mmarkat bhala *Dok A* u minn dan iz- zwieg kellhom tliet itfal; Elaine li llum ghandha dsatax –il sena (19), Mirayah li llum ghandha tlettax –il sena (13) u Rachel li llum ghandha ghaxar (10) snin. *(Vide certifikati tat- twelid immarkati bhala Dok B u Dok C u Dok D rispettivament.)*

2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati ghal dawn l-ahhar seba' snin b'kuntratt redat minn Nutar Tonio Cauchi u datat

it- tmintax ta' Novembru tas- sena elfejn u disgha (18.11.2009), liema kopja legali tieghu qedgha tigi hawn annessa u mmarkata bhala *Dok D*;

3. Illi l-partijiet ilhom jghixu hajja totalment separata ghal aktar minn seba' (7) snin u m'hemm l-ebda prospett ta rikonciljazzjoni bejniethom;

4. Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut stante illi fl-imsemmi kuntratt il- partijiet kienu irrinunzjaw illu jircievu manteniment minghand xulxin filwaqt li l-esponenti dejjem hallas il-manteniment dovut ghat- tfal;

5. Illi l-fatti su riportati jissodisfaw il- kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksieb tad- divorzju, skond l-Artiklu 66B tal-Kodici Civili tal- Kap. 16 tal- Ligijiet ta' Malta;

6. Illi ghalhekk ai termini ta l-Att XIV tal- 2011, l-esponenti jixtieq jitlob il-hall taz- zwieg taghhom.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u oppotuna :

1. Tippronunzja d-divorzju tal- konjugi Carabott;

2. Tordna lir- Registratur tal- Qrati sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit minn din il- Qorti, javza lid- Direttur tar- Registru Pubbliku bil- hall taz- zwieg tal- partijiet, sabiex isiru d- debita registrazzjoni u annotamenti fl-atti civili relattivi fir- Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Lulju, 2016;

Rat illi l-intimata, debitament notifikata, ma ipprezentatx risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-18 ta’ Novembru 2009;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.